


# Giuseppe Despott 1878-1936

**M.B.O.U., C.M.H.R.I.O., M.G.O.G., M.B.Z.S., M.B.E.**

## *Xjenzat Bormliż li ġibed l-attenzjoni tad-Dinja Xjentifika fuq Malta*

**Studju u Riċerka ta' Mario Attard**



Ġużeppi Despott

Wieħed mill-ulied denji tal-Belt Cospicua huwa Giuseppe Despott. Huwa jifforma parti mill-kullana ta' ismijiet ta' ċittadini Bormliżi li għollew l-isem ta' belt twelidhom. Lil dan il-persunaġġ Bormliż insibuh fuq l-istess binari ta' Gavino Gulia (1835 -1889) u ħuh Giovanni Gulia li kien iżgħar minnu (1864 -1918), peress li lkoll taw il-kontribut tagħhom fl-Istorja Naturali tal-gżejjer tagħna. B'xorti ħażina, kif ħafna drabi jiġri, numru minn dawn il-personalitajiet li b'għemilhom iservu ta' eżempju tajjeb għal ħuthom, jew jintesew inkella lanqas biss ikunu jafu dwarhom. Din il-ħidma letterarja għandha l-ħsieb li tagħti ġieħ u turi apprezzament lil dan il-Bormliż li ħalla influwenza fil-qasam xjentifiku kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell internazzjonali. Dan kollu qiegħed nagħmlu f'għeluq il-75 sena minn mewtu.

It-tagħrif dwaru ma nistgħux ngħidu li huwa miġbur f'ġabra waħda imma mifrux 'l hawn u 'l hinn. Dan ma jfissirx li Giuseppe Despott ma kienx apprezzat imma għaliex forsi ma nkitbetx kitba speċifika dwar ħajtu u għemilu. Lil dan il-vojt jien sejjer nipprova nfittex li nimla kemm jista' jkun minnu.

## Antropologu u Ornitoloġista

Dak li jagħmel lil Giuseppe Despott persuna distinta huwa l-fatt li fuq il-mappa fejn instabu sinjali li vvjaġġa fihom il-bniedem Neandertali żdiedet ukoll Malta. Dan grazzi għas-sejba li għamel l-istess Despott meta fl-iskavar li wettaq f'Għar Dalam, għamel is-sejba ta' żewġ nejbiet ta' żagħżugħ Neandertali. Fatt li kien imfaħħar mhux ftit mill-antropoloġista u anatomista Sir Arthur Keith (1886-1955) tar-Royal College of Surgeons of England. Dan il-fatt qajjem ukoll interess fid-dinja tax-xjenza li bdiet tħares lejn pajjiżna b'interess speċjali. Il-Profs. Keith kiteb hekk fil-**Journal of the Royal Anthropological Institute of Great Britain and Ireland** (paġna 251) dwar is-sejba msemmija: ***Dr.Despott's discovery had carried the distribution of this species-already known at Gibraltar right to the middle of the Mediterranean.***

Is-sejba saret fl-1917 u kien Sir Keith innifsu li eżamina u kkonferma li ż-żewġ nejbiet kienu ta' żagħżugħ Neandertali[1]. Il-fatt li l-bniedem Neandertali ma kienx magħruf la minn fejn oriġina u lanqas fejn spiċċa, sejba bħal dik kienet tiswa mitqlu deheb għad-dinja xjentifika u bl-istess sejba fil-mappa fejn ivvjaġġa l-bniedem Neandertali żiedet ukoll Malta.



Irridu ngħidu li fix-xitwa ta' bejn is-snin 1912-13, il-Professur Napuljun Tagliaferro flimkien ma' Giuseppe Despott skavaw ġewwa Għar Dalam, f'Birżebbuġa u sabu fih bosta għadam tal-ipoppotami kif ukoll fuħħar. Sena wara nsibu mill-ġdid lil Despott din id-darba ma' Dr. Thomas Ashby jeskavaw fl-istess għar u sabu għadam u fuħħar.

Kontribut partikulari ieħor marbut mal-Ornitoloġista Bormliż hija s-sejba ta' bebbuxu endemiku fuq il-gżira ta' Filfla. Interessanti l-fatt li dan il-bebbuxu ssemma għal Despott innifsu: ***Trochidea despotti***.

Attribut ieħor għal Giuseppe Despott jinsab fil-prevedibbilità dwar il-qerda taċ-ċawla minn fuq il-gżejjer tagħna. Mhux biss wissa dwar il-ħtieġa kbira li jkun imħares iċ-ċawl f'pajjiżna iżda għen sabiex din l-ispeċi partikulari ta' tajra bdiet tkun imħarsa bil-liġi fl-1918. Għalkemm iċ-ċawl f'pajjiżna kien ibejjet b'mod normali, in-nuqqas ta' ħarsien u infurzar tal-liġi wasslet biex gradwalment nistgħu ngħidu li lejn l-1956, iċ-ċawl spiċċa.

Din ma kinetx l-unika twissija li ta Despott b'rabta mal-patrimonju ornitoloġiku. Fl-1910 nsibuh jikteb f'wieħed mill-artikli l-aktar bikrija li kien deher fl-***Archivium Melitense*** (li kien l-organu tas-Soċjetà Storika u Xjentifika ta' Malta) li kienet qiegħda ssir ħsara liċ-ċief minn ħafna kaċċaturi li kienu joħorġu bid-dgħajsa u jisparaw fuq dan it-tajr partikulari.

Il-Bormliż Despott ma ġibidx l-attenzjoni tat-tajr biss imma anki ta' ħlejqiet tal-baħar. Hawn qed nirreferi għall-Fekruna tal-Baħar Komuni - ħlejqa li tbaħħar fil-baħar Mediterran u f'kull baħar sħun. Huwa josserva li kienet qiegħda tinqabad bl-addoċċ f'ammonti kbar u dan il-fatt kien qed jipperikola milli din ir-razza tibqa' tbejjet fil-bajjiet ramlin, partikularment fir-Ramla l-Ħamra, Għawdex.

Dwar il-fkieren insemmu kif fit-12 ta' Ottubru 1929, mal-mil 'il barra mill-Port il-Kbir, inqabdet Fekruna tal-Baħar il-Ħadra. Jingħad li din kienet l-ewwel fekruna li nqabdet fl-ibħra Maltin u għal dan il-fatt, laħamha nbiegħ mentri qoxritha ngħatat lill-Mużew tal-Istorja Naturali ta' Malta. B'xorti ħażina iżda rridu ngħidu li din inqerdet matul it-tieni gwerra dinjija.

Fekruna tal-baħar oħra, din id-darba magħrufa bħala ta' Kemp, inqabdet fl-ibħra Maltin. Wara li Despott ħadilha diversi ritratti, ordna li tkun ibbalzmata u ppreservaha fil-Mużew tal-Istorja Naturali fejn għadha ppreservata sal-lum. L-interessanti f'dan il-fatt huwa li din it-tip ta' fekruna tbaħħar biss fl-Atlantiku u kienet l-unika waħda li nqabdet fil-Baħar Mediterran.

Insibu lil Giuseppe Despott jikkontesta l-konklużjoni li kien ġibed Dr. Giovanni Gulia (ħu Gavino) dwar il-Fekruna tal-Art tal-Ixpruni li Dr. Gioavanni Gulia jgħid li

din il-fekruna ġiet naturalizzata billi nġiebet Malta u bdiet toktor waħedha. Minħabba f'hekk, l-istess Gulia kkonkluda li l-Fekruna tal-Art tal-Ixpruni hija indiġena. Despott ma qabilx miegħu għax saħaq ġmielu li din ix-xorta ta' fekruna tinstab biss fil-ġonna u mhux fis-salvaġġ.

Ftit 'il fuq semmejna lill-Professur Napuljun Tagliaferro. Dan il-persunaġġ distint kien l-ewwel president li kellha s-Soċjetà Storika u Xjentifika ta' Malta. Huwa nnomina lil Despott bħala membru tal-istess Soċjetà.

Paġna 185 tar-Reġistru tal-Magħmudija XVIII fejn huwa mniżżel Giuseppe Despott



## Ħajtu

Giuseppe, iben l-avukat Carmelo u Giuseppa kunjomha xebba Schembri, twieled f'Bormla nhar l-24 ta' Lulju 1878[2]. Għalkemm ġieli sibtu marbut mas-sena 1879 bħala s-sena li twieled fiha, fir-reġistru tal-magħmudija li jinsab fl-arkivji tal-parroċċa ta' Bormla huwa mniżżel fl-1878. Skont il-lista tal-votanti tal-1800, il-familja Despott kienet toqgħod f'Nru.26, Strada Nuova. Giuseppe studja fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, fil-Kulleġġ Flores, fl-Università ta' Malta kif ukoll f'akkademji Ingliżi u Taljani f'Ruma. Finalment huwa rriżulta fi xjenzat li sar magħruf ġmielu ma' għaqdiet ta' xjenzati barranin permezz tal-kontribut kontinwu li ta eżattament fil-qasam tal-Istorja Naturali. Fil-fatt dan il-kontribut ta' natura xjentifika tah permezz ta' kitbiet importanti bil-Malti, bit-Taljan u bl-Ingliż kemm f'Malta u wisq iktar barra minn xtutna.

Bħala karattru, Giuseppe Despott kien bniedem ħanin kif ukoll ta' min jafda fuqu – fatt li dejjem żammu maħbub ma' kull min kien jafu. Huwa żżewweġ lil Maria Stella kunjomha xebba Busuttil, mill-Belt, fil-Knisja ta' St.Patrick's, tas-Sliema nhar l-1 ta' Lulju 1920 u żewwiġhom l-Isqof Dom Mauro Caruana S.D.B.[3] Kellhom żewġt itfal bniet: Maria u Josephine. Giuseppe flimkien ma' martu u wliedu kienu joqogħdu f'Nru.148, Strada Merkanti, il-Belt Valletta. Huwa miet wara marda twila kkaġunata minn funzjoni ħażina tal-kliewi, eżattament uremija, fl-istess dar ġewwa l-Belt Valletta fid-disgħa u kwart ta' filgħodu tat-22 ta' Settembru 1936 fl-għomor ta' 58 sena[4]. Il-funeral tiegħu sar l-għada fiċ-ċimiterju tal-Addolorata fil-ħamsa ta' wara nofsinhar wara funzjoni presente cadavere li bdiet siegħa qabel. Huwa jinsab midfun f'West-KA-B 22 f'qabar singlu[5].

Fil-karriera professjonali tiegħu fiċ-Ċivil, Giuseppe Despott kellu żewġ karigi importanti li lkoll kellhom rabta xjentifika. Dan kollu kien frott l-interess kbir li kellu fil-qasam xjentifiku – liema fatt lil Despott insibuh bħala l-ewwel Supretendent tad-Dipartiment tas-Sajd mindu twaqqaf fl-4 ta' Ġunju 1920[6]. Dan l-interess wasslu sabiex irabbi fih għeruq ħoxnin fl-istorja naturali ta' pajjiżna. Fil-fatt huwa dam f'din il-kariga

sakemm irtira 12-il sena wara. Sa minn qabel inħatar Supretendent, Despott kien diġà fil-kariga ta' Kuratur tat-taqsima tal-Istorja Naturali fil-Mużewijiet tal-Università ta' Malta u tal-Belt Valletta (f'termini tal-lum, tal-Mużew Nazzjonali)[7]. Lejn it-tletinijiet (1930s) id-Dipartiment tal-Mużewijiet kellu żewġ kuraturi: il-qasam tal-Istorja Naturali kien hemm inkarigat minnu Giuseppe Despott[8] filwaqt li l-qasam tal-Kristallografija kien immexxi minn Dr. Lewis Mizzi.

It-triq li kellha twassal lil Despott biex jilħaq Supretendent bdiet wara tmiem l-ewwel gwerra dinjija meta kumitat maħtur mill-gvern kolonjali qabbdu jagħmel rapport kif ukoll lista ta' regolamenti ġodda marbuta mal-industrija tas-Sajd f'Malta sabiex jissistematizza l-qbid tal-ħut fl-ibħra Maltin. Despott wera l-fehma tiegħu li s-sajd kien qed isir bla kontroll u b'mod eċċessiv tant li l-ħut kien beda jonqos ġmielu. Huwa ħa ħsieb ukoll li jagħti taħditiet lis-sajjieda sabiex jifhmu liema ħsara kienu qegħdin jagħmlu bil-mod xejn b'saħħtu li bih kienu qed jistadu.


EXTRACT FROM THE REGISTERS OF MARRIAGES
kept in the Parish Church of Stella Maris
Sliema (Malta)

Register No. 111 Page 53

Date of Marriage: 1 July 1920
Place of Marriage: St Patrick's Church, Sliema
Name and Surname of Bridegroom: Joseph Despott
Bride: Maria Stella Busuttil
Name and Surname of Parents of Bridegroom:
Bride:
Place and Date of Birth of Bridegroom:
Bride:
Name and Surname of Witnesses:
Officiating Minister:

I certify that the above is true and correct.

This 12th day of July

Parish Priest

Stella Maris Parish Church Sliema Malta

Iċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' Giuseppe Despott u Maria Stella (Busuttil)

F'kull kariga li okkupa, Giuseppe Despott dejjem kien denju tagħha kif ukoll għamel isem fiha. Ta' bniedem dedikat f'xogħlu, Despott bħala Supretendent fi ħdan id-Dipartiment tas-Sajd beda l-esperimenti tiegħu, b'wieħed minn tal-ewwel ikun kif is-sajd bix-xbiek biċ-ċomb li kien ikaxkar kollox fih mill-qiegħ (teknikament imsejjaħ gangmu u miegħu nżidu t-tartarun – xbiek tas-sajd f'għamla ta' borża jew kaxxa kwadra li tiddendel fil-baħar marbuta mad-dgħajsa u tinġibed bl-idejn) kien qed jeqred il-popolazzjoni tal-ħut. Mill-ewwel deher ċar li Despott ried jissistematizza l-metodi xierqa tas-sajd lokali mingħajr ma jkun ta' detriment għall-ħlejqiet tal-baħar. Fil-fatt insibuh ukoll jistudja sabiex jimplimenta l-aħjar użu tal-lixka mis-sajjieda fil-qbid tal-ħut. Fl-għaqal tiegħu fittex li jiffaċilita l-ħidma tas-sajjieda billi ra li jkunu rranġati l-mollijiet kif ukoll il-postijiet minn fejn is-sajjieda jvaraw l-opri tagħhom. Stanley Farrugia Randon jikteb li "***Waħdu rnexxielu jmexxi dipartiment ġdid u jfassal liġijiet ibbażati fuq***



***esperimenti serji***"[9]. Quddiem din il-ħila, l-imħabba u d-dedikazzjoni f'xogħlu, ma kienet xejn sorpriża li jkun nominat mill-Kuruna Ingliża sabiex jinħatar Membru tal-Ordni tal-Imperu Brittaniku fl-1925[10].

## Il-kontribut xjentifiku bil-pinna tiegħu

Giuseppe Despott kellu bosta kuntatti kemm mal-Maltin kif ukoll mal-barranin. Bħala awtorità fil-professjoni xejntifika tiegħu, huwa kien magħruf ukoll ma' bosta għaqdiet lokali u barranin. Bis-saħħa tal-artikli xjentifiċi tiegħu huwa ttratta diversi oqsma marbuta mal-għasafar, mar-rettili, kiteb noti fuq l-ornitoloġija tal-gżejjer Maltin studji fuq il-ħut fl-ibħra Maltin. Dawn l-artikli kitibhom f'diversi rivisti u organi f'Malta, fl-Italja u fl-Ingilterra.

Lill-ornitoloġista Bormliż insibuh jikteb fil-ġurnal ewlieni tas-Soċjetà Storika u Xjentifika ta' Malta, ***Archivium Melitense*** fejn jispikka b'mod speċjali bix-xogħol Itchyology of Malta fejn jagħti lista ta' 272 speċi flimkien ma' tagħrif qasir dwarhom. Magħhom inżid ukoll lista oħra din id-darba ta' ħut bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan. Fl-1919 Despott stampah mill-ġdid bħala ktejjeb.

Insibu żewġ rivisti xjentifiċi Taljani li Despott kiteb fihom. Fir-Rivista Italiana di Ornitologia huwa kiteb ħdax-il artiklu xjentifiku, ilkoll fuq il-ħajja naturali tal-gżejjer Maltin. Insibu b'eżempju Il Succia Capre Algerino a Malta u l-Oca Bombardella a Malta, it-tnejn fl-1923. Il-kitba l-oħra hija r-Rivista di Scienze Naturali: Natura fejn Giuseppe Despott stampa artiklu rari fuq id-dehra rarissima tat-tajr kruċjati (bl-Ingliż *crossbills*) fl-1929.

Hawnhekk ta' min isemmi lit-Tabib Edgardo Moltini (1896 – 1980) li kien id-Direttur tal-Mużew tal-Istorja Naturali ta' Milan. Moltini kien joħroġ ir-Rivista Italiana di Ornitologia, f'liema rivista Giuseppe Despott, kif nafu, ikkontribwixxa b'kitbiet



L-estratt taż-żwieġ li jinsab fl-Arkivju tal-Parroċċa Stella Maris, Tas-Sliema

ornitoloġiċi u li wasslu lil Dr. Moltini jirrikonoxxi lill-ornitoloġista Bormliż bħala awtorità fil-qasam tal-Ornitoloġija.

**Zoologist** hija rivista xjentifika bl-Ingliż li fiha stampa artiklu fuq ir-rettili Maltin, bix-xogħol **The Reptiles of the Maltese Islands**. Fl-istess rivista kiteb ukoll **The Breeding of Birds in Malta** sena wara, fl-1916.

The Ibis hija rivista oħra Ingliża u din id-darba hija l-organu tal-Għaqda Ornitoloġika Ingliża fejn fl-1917 stampa Ornithological Notes on the Maltese Ornithology.

Soċjetà xjentifika oħra Ingliża li Despott kiteb fl-organu tagħha jisimha Proceedings of the Malacological Society, fi kliem ieħor is-Soċjetà tal-Molluski. Hawn fl-1919 kiteb The Mollusca of Marsascirocco Harbour, Malta.

Kontribut ieħor bl-Ingliż ta' Despott din id-darba deher fil-***Bulletin of the Museum***, li kien l-organu tal-Mużew Nazzjonali biex insejħulu hekk. Hawn kiteb diversi xogħlijiet ta' natura xjentifika dwar ħut, rettili, rizzi, għasafar, granċi u molluski fosthom Herpetological Notes u Echinological Notes, it-tnejn fl-1930 kif ukoll Malacological and Carnicological Notes fl-istess sena.

Bil-Malti nsibuh jikteb dwar l-osservazzjonijiet partikulari li Despott innifsu għamel tal-Wiċċ tal-Maskra Bajda. Dan deher fil-***Melita***.

Giuseppe Despott ma naqasx milli jikteb b'riżq il-ħut bħal Report by Mr.G. Despott on the subject of local fisheries and their development fl-1919 u Rapport fuk is-Sajd bil-Malti miġjub mir-Rapport tas-sena 1926 – 27 magħmul minn G. Despott, Supretendent tas-Sajd.

Kif insibu 'l fuq, Despott mhux l-ewwel darba li wettaq xogħol ta' skavar f'Għar Dalam. F'dan ir-rigward insibuh fl-1913 jistampa bl-Ingliż Excavations at Għar Dalam (Dalam Cave) Malta. Erba' snin wara bl-Inglż ukoll insibu Excavations conducted at Għar Dalam (Malta) in the Summer 1917.

Despott kiteb ġabra ta' tifkiriet f'Memoirs Bijografiċi ta' Ardonio Nicola, li fil-Qawra hemm imsemmija triq għalih.

## Giuseppe Despott rikonoxxut



L-għarfien għall-kontribut siewi li ta Giuseppe Despott jingħaraf mill-fatt li ssemmew għalih ċerta toroq u postijiet. Fil-Kappara, fil-Qawra, f'San Pawl il-Baħar u f'Birżebbuġa nsibu toroq imsemmijin għalih. Kienu l-iskavazzjonijiet li wettaq f'Għar Dalam (li huwa parti mil-lokal ta' Birżebbuġa) li rabtuh ma' din il-lokalità u anki l-fatt li kien qatta' xi żmien jgħix hemmhekk, eżattament fejn illum insibu l-bank tal-HSBC.

Il-Junior Lyceum, fi Triq San Nikola, Bormla, li reċentament sar jagħmel parti mill-Kulleġġ ta' Santa Margerita, huwa msemmi għalih. Din l-iskola, magħrufa aħjar mal-Bormliżi bħala ta' Verdala, għadha kemm ġiet immodernizzata. Fl-2004 Mons. Ġużeppi Mercieca, li kien l-Arċisqof ta' Malta, kien qaddes quddiesa fl-okkażjoni tal-għoxrin sena mit-twaqqif ta' dan il-liceo.

Fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni f'Belt is-Sebħ, il-Furjana hemm ukoll is-Sala Ġużeppi Despott li minn sala magħluqa issa nfetħet u saret tagħmel mal-pjan.

Ma jistax jonqos li nsibu sala partikulari fil-Mużew tal-Isotrja Naturali fl-Imdina li hija magħrufa bħala s-Sala Giuseppe Despott. F'din is-sala wieħed jista' jara varjazzjoni wiesgħa ta' speċi li kienu rrekordjati f'pajjżna permezz ta' kollezzjoni kbira ta' bajd li jbid it-tajr mal-Ewropa kollha. Hawn ġew insibu aktar ħwejjeġ ta' interess fosthom l-għasafar tal-irdum Malti.

## L-aħħar snin ta' ħajtu

Is-snin 1929 u 1933 iwassluna lejn tmiem il-karriera vasta u mimlija suċċessi li kellu l-Bormliż Giuseppe Despott. Fl-1929 kien bena l-Mużew ta' Għar Dalam imma dan kien armat mill-Kuratur suċċessur tiegħu, it-Tabib Ġużè Baldacchino li tah stil Vittorjan. F'April 2002 infetħet sala għall-esebiti li kienet inawgurata mill-Ministru tal-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien, l-Onor. Louis Galea fejn b'għarfien u rispett lejn il-Kuraturi Despott u Baldacchino, issemmiet b'rispett lejn dawn iż-żewġ pijunieri.

Fl-1930 lil Despott insibuh jistampa l-ewwel dokument tal-qabda tal-kelb il-baħar, magħruf bħala Baskink Shark, fl-ibħra Maltin. Kien inqabad fis-16 ta' Ġunju 1928 li tħabbel fix-xbieki tas-sajjieda faċċata tat-torri ta' San Ġiljan. Despott jikteb li tkejjel ħamsa u għoxrin pied u żewġ pulzieri minn tarf sa tarf.

Fl-1933, meta Giuseppe Despott kellu 55 sena, kontra xewqtu rtira mill-kariga li dejjem ħabb u wettaq b'passjoni kbira minħabba l-mard. Stanley Farrugia Randon jikteb: ***Giuseppe Despott was appointed as the first Superintendent for Fisheries on the 4th June 1920 and occupied this post till 1933 when he was forced to retire because of ill health***[11].



**Ir-reġistru tal-mewt 1927-39, p. 665, nru. 3 fejn huwa mniżżel Despott**

**Referenzi**

[1] Sir Arthur Keith ta ġieħ lil Giuseppe Despott u s-sejba li wettaq f'artiklu li kiteb fir-rivista Ingliża *Nature* tal-25 ta' Lulju 1918.

[2] Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni, Bormla, Reġ. tat-Twelid XVIII, p.135. Hawn insibu li mal-ewwel isem ingħatawlu Piju u Benedettu. Tgħammed l-għada ta' twelidu, il-25 ta' Lulju 1878 mill-qarib tiegħu l-Kan. Vincenzo Despott. Il-parrini kienu wieħed min-naħa ta' missieru, Francesco Despott u l-oħra min-naħa ta' ommu, Annetta Schembri.
Irrid inżid ukoll li fil-Cronologia Ornitologica, xogħol ta' Alberto Masi jikteb li għex bejn is-snin 1878 – 1936. Hekk għamel Michael J.Schiavone f'Dictionary of Maltese Biographies.

[3] Parroċċa ta' Stella Maris, Sliema, Reġistru taż-Żweġijiet III, paġna 53. Hawnhekk ukoll jikkonferma s-sena 1878 bħala l-waħda li twieled fiha. Jagħti wkoll id-data tat-twelid ta' martu, Maria Stella li hija t-13 ta' Settembru 1888.

[4] Parroċċa San Duminku, Valletta, Reġ. 1927-1936, p. 665, Nru.3. Għad li tniżżel li miet fil-għomor ta' 57

sena, skont id-data tat-twelid kif imniżżla fil-magħmudijiet fl-arkivju tal-parroċċa ta' Bormla, Giuseppe Despott twieled fl-1878 u mhux sena wara. L-istess għomor ingħata fir-reġistru tad-difna taċ-ċimiterju tal-Addolorata (ara r-raba' referenza).

[5] Ċimiterju tal-Addolorata, Marsa, File Reference 3037

[6] Stanley Farrugia Randon, **Il-Ħut ta' Malta**, Kullana Vol.33, PIN, 2001, Malta, p.9.

[7] Allister Macmillan f'**Malta and Gibraltar**, paġna 390, jikteb li Despott inħatar Kuratur tal-Mużew tal-Istorja Naturali tal-Università ta' Malta fl-1913.

[8] Dr. Joseph G. Baldacchino kien il-kuratur li nħatar wara Giuseppe Despott sakemm b'xorti ħażina faqqgħet it-tieni gwerra dinjija li mhux biss qerdet diversi kollezzjonijiet, imma wkoll wasslet biex jingħalaq il-Mużew tal-Istorja Naturali u jistenna s-sena 1963 biex reġa' nfetaħ, din id-darba fl-Imdina fejn jinsab il-lum. Ta' min iżid ukoll li t-tieni gwerra dinjija ġabet qerda fid-Dipartiment tas-Sajd u kien inkorporat mad-Dipartiment tad-Dwana u l-Portijiet.

[9] Stanley Farrugia Randon, **Il-Ħut ta' Malta**, Kullana Vol.33, PIN, 2001, Malta, p.9.

[10] Suppliment tal-***London Gazette*** tat-3 ta' Ġunju 1925, p.3780. Nominati miegħu nsibuh lil Lawrence De Martino u lil Edward Robert Mifsud.

[11] Stanley Farrugia Randon, **Fishing in Malta**, PIN, Malta , 1995, p.176.

**Biblijografija**


Macmillan, Allister (Editor), Malta and Gibraltar. London, 1915

Farrugia Randon, Stanley Il-Ħut ta' Malta, Kullana Vol.33, PIN, Malta, 2001

Baldacchino Alfred E. - Schembri Patrick J, Anfibji, Rettili u Mammiferi fil-Gżejjer Maltin, Kullana Vol. 39, PIN, Malta, 2002

Gatt Michael, Il-Ġeoloġija u l-Paleontoloġija tal-Gżejjer Maltin – II, Kullana Vol. 69, PIN, Malta, 2006

Mifsud Bonnici, Robert, Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku Nazzjonali, Dipartiment tal-Informazzjoni, Malta, 1960

Galea Michael, Dizzjunarju ta' Kittieba Maltin u Għawdxin il-Bieraħ u llum, Pubblikazzjoni Bugelli, Malta 1995

Schiavone Michael J, Dictionary of Maltese Biographies, Vol. 1, PIN, Malta, 2009

*Times of Malta*, Wednesday, 23 September 1936, p. 11, Obituary

Baldacchino Alfred E., ***in-Natura***, Harġa 10 Xitwa 1990, Giuseppe Despott, pp.24 – 26,

Farrugia Randon, Stanley, Fishing in Malta, PIN, Malta, 1995




Dr. Gavino Gulia



Dr. Giovanni Gulia


**MARIO ATTARD**
Il-Ħadd, 18 ta' Ġunju 2011
Il-Festa tat-Trinità

**TMIEM TAL-IRQAQAT**
It-Tnejn, 18 ta' Lulju 2011
L-għada ta' San Ġorġ t'Għawdex